31980R1552

21.6.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 153/23

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1552/80

ta' l-20 ta' Ġunju 1980

li jistabbilixxi regoli dettaljati biex tingħata ta' assistenza amministrattiva rigward l-esportazzjoni ta' ċertu ġobon eliġibbli għal trattament speċjali meta impurtat fl-Awstralja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2931/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-għoti ta' assistenza fuq esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament ta' importazzjoni speċjali f'pajjiż terz [1], u partikolarment l-Artikolu 1 (2) tiegħu,

Billi l-*Commonwealth* ta' l-Awstralja qablet, fil-kuntest tal-GATT, li tippermetti importazzjonijiet ta' ġobon artab u matur, Roquefort, *Stilton* u ġobon ieħor mill-ħalib tal-mogħża ħieles minn kull restrizzjoni amministrattiva; billi dan il-ftehim ikun japplika mill-1 ta' Lulju 1980;

Billi l-Komunità ntrabtet li tagħti assistenza amministrattiva lill-awtoritajiet Awstraljani biex tiżgura applikazzjoni korretta tal-ftehim; billi, għal dan l-iskop, il-ġobon konċernat għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità;

Billi l-miżuri preskritti għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u għall-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-esportazzjonijiet lejn il-*Commonwealth* ta' l-Awstralja ta':

— ġobon artab u matur prodott esklussivament mill-ħalib tal-mogħoż (eskluż l-Feta, it-Telemes u l-Kasseri) li jaqgħu taħt is-subintestatura 04.04 E tat-Tariffa Doganali Komuni, il-ġobon Roquefort u l-ġobon Stilton li jaqgħu taħt is-subintestatura 04.04 C tat-Tariffa Doganali Komuni,

— prodotti fil-Komunità u jissodisfaw id-definizzjoni stipulata fl-Anness I ta' hawnhekk, ċertifikat li jikkorrispondi mal-mudell stipulat fl-Anness II ta' hawnhekk għandu jinħareġ wara li ssir talba mill-parti interessata.

Artikolu 2

1. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu stampati fuq karta bajda u bl-Ingliż. Id-daqs tagħhom għandu jkun 210 × 297 mm. Kull ċertifikat għandu jingħata numru tas-serje mill-aġenzija tal-ħruġ.

L-Istat Membru esportatur jista' jitlob li ċ-ċertifikat li jrid jintuża fit-territorju tiegħu għandu, flimkien ma' l-Ingliż, jkun satmpat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu.

2. Iċ-ċertifikati għandhom jsiru f'kopja oriġinali u ta' l-anqas żewġ kopji. Dawn il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tassere ta' l-oriġinali. L-oriġinali u l-kopji għandhom jiġu kompletati b' tipa stampata jew bl-idejn; fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jiġu kompletati b'ittri kbar u bil-linka.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat u l-kopji tiegħu għandhom jinħarġu mill-aġenzija maħtura minn kull Stat Membru.

2. L-aġenzija tal-ħruġ għandha żżomm kopja waħda taċ-ċertifikat. L-oriġinali u l-kopja l-oħra għandhom ikunu prodotti lill-uffiċjal tad-dwana fejn ikunu kompletati l-formalitajiet ta' esportazzjoni doganali għall-esportazzjoni lejn il-*Commonwealth* ta' l-Awstralja.

3. L-Uffiċju doganali li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 għandu jagħmel it-timbru tiegħu fil-kaxxa riservata għal dan l-iskop fuq l-oriġinal u jirritornah lill-parti konċernata. Il-kopja għandha tinżamm minn dak l-uffiċċju doganali.

Artikolu 4

Iċ-ċertifikat għandu jkun validu biss wara li jkun approvat mill-uffiċċju doganali kompetenti. Dan għandu jkopri l-kwantità ta' oġġetti indikati fuqu. Madankollu, kwantità li taqbeż b'mhux iktar minn 5 % il-kwantità indikata fuq iċ-ċertifikat għandha tkun meqjusa li hija koperta miċ-ċertifikat.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura li tistgħu tkunu meħtieġa għall-iskop ta' l-ispezzjoni ta' l-oriġni, it-tip, il-komposizzjoni u l-kwalità tal-ġobon li dwaru jinħarġu ċ-ċertifikati.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jibda iseħħ fl-1 ta' Lulju 1980.

[1] ĠU L 334, tat-28.12.1979, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Ġunju 1980.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

ANNESS I

Tifsira tal-ġobon li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1

1. Ġobon artab u matur huwa ttrattat jew immaturat b'aġenti bijoloġiċi bħall-moffa, ħmira u organiżmi oħra li jikkawżaw qoxra viżibbli li tifforma fuq il-wiċċ tal-ġobon. It-trattament jew il-maturità ssir b'tali mod li l-ġobon jikkura jew jimmatura mill-wiċċ lejn iċ-ċentru. Il-kontenut tax-xaħam bil-piż ta' materja niexfa ma jistax ikun inqas minn 50 %. Il-kontenut ta' l-umdità ikkalkulat bil-piż tal-materja bla xaħam ma jistax ikun inqas minn 65 %.

   It-terminu "ġobon artab u matur" ma jinkludix ġobon bil-moffa, ħmira jew organiżmi oħra fuq il-qoxra li jkun fiha wkoll moffa, blu jew mod ieħor, imqassma l-istess ma' l-intern kollu tal-ġobon.

2. Il-ġobon Roquefort jrid jsir skond l-i*standards* stabbiliti fil-liġi tad-29 ta' Lulju 1925 ippubblikata fil-"*Journal officiel de la République française*" tat-30 ta' Lulju 1925 u jrid ikollu it-tikketta ta' "*Roquefort*" mill-"*Confédération générale des producteurs de lait de brebis et des industriels de Roquefort*."

3. Il-ġobon Stilton jrid jkun skond ir-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki kummerċjali taċ-ċertifikazzjoni 831407 u 831408 u jkunu jaqblu mall-ħtiġiet addattati mal-kontenut tax-xaħam tal-ħalib u l-kontenut ta' l-ilma kif stipulati fl-Iskeda 1 għar-regolamenti tal-ġobon tal-1970 tar-Renju Unit.

4. Ġobon tal-ħalib tal-mogħoż irid jkun magħmul "biss mill-ħalib tal-mogħoż" (eskluži l-ġobon Feta, Telemes u Kasseri) u jrid ikollhom dawn il-kliem fuq il-pakkett u/jew fuq it-tikketta.

ANNESS II — ANNEX II — ANHANG II — ALLEGATO II — BIJLAGE II — BILAG II

IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

	1. L-esportatur	2. Nru taċ-Ċertifikat	**ORIĠINAL**
	3. Kunsinnatarju	**ĊERTIFIKAT** **ta' identità u ta' oriġini għall-esportazzjoni ta' ġobon artab u matur, ġobon Roquefort, ġobon Stilton u ġobon tal-ħalib tal-mogħża**	

NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ f'oriġinal wieħed u mill-anqas żewġ kopji.

B. Id-deskrizzjoni tal-ġobon għandha tinkludi t-tip kif ukoll l-isem tad-ditta jew kummerċjali.

C. L-oriġinal u kopja waħda għandhom jiġu pprovduti għaċ-ċertifikazzjoni lill-uffiċċju tad-dwana fejn ikunu saru il-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni.

D. L-oriġinal għandu jintwera lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Commonwealth ta' l-Awstralja.

1	4. Marki, numri, numru u tip tal-pakketti; deskrizzjoni ta' l-oġġetti	5. Piż gross 7. Piż nett	6. Numri ta' l-irċevuti
2	4. Marki, numri, numru u tip tal-pakketti; deskrizzjoni ta' l-oġġetti	5. Piż gross 7. Piż nett	6. Numri ta' l-irċevuti

8. L-AWTORITÀ KOMPETENTI SOTTOSKRITTA b'dan il-mezz tiċċertifika illi l-ġobon imsemmi hawn fuq:

— ġie prodott fil-Komunità,

— huwa ta' kwalità tajba u xierqa għas-suq, u

— jaqbel mat-tifsira mogħtija fuq in-naħa l-oħra ta' din il-paġna.

..... (Post) ..... (Data)

9. L-awtorità tal-ħruġ

..... (Firma) ..... (Timbru)

10. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-UFFIĊĊJU TAD-DWANA KOMPETENTI

Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni lejn il-Commonwealth ta' l-Awstralja tal-ġobon imsemmi f'dan iċ-ċertifikat ġew imwettqa.

..... (Post) ..... (Data)

..... (Firma) ..... (Timbru)

(Wara taċ-Ċertifikat)

TIFSIRA TA' ĠOBON ARTAB U MATUR

Ġobon artab u matur huwa kkurat jew immaturat permezz ta' aġenti ta' kura bijoloġika, bħall-moffa, ħmira u organiżmi oħra li jiffurmaw qoxra fuq il-wiċċ tal-ġobon. Il-kura jew il-maturazzjoni titmexxa b'tali mod li l-ġobon viżibilment jikkura jew jimmatura mill-wiċċ lejn iċ-ċentru. Il-kontenut tax-xaħam fil-materja niexfa ma jistax ikun inqas minn 50 %. Il-kontenut ta' l-umdità kkalkulat bil-piż tal-materja bla xaħam ma jistax ikun inqas minn 65 %.

It-terminu 'ġobon artab u matur' ma jinkludix ġobon bil-moffa, ħmira u organiżmi oħra fuq il-qoxra li jkun fiha wkoll moffa, blu jew mod ieħor, imqassma l-istess ma' l-intern kollu tal-ġobon.

TIFSIRA TA' ĠOBON ROQUEFORT

Il-ġobon Roquefort huwa magħmul skond ir-Regolament tad-29 ta' Lulju 1925 ippubblikat fil-'Journal officiel de la République française' tat-30 ta' Lulju 1925 u jkollhom it-tikketta ta' 'Roquefort' mill-'Confédération générale des producteurs de lait de brebis et des industriels de Roquefort'.

TIFSIRA TAL-ĠOBON STILTON

Il-ġobon Stilton magħmul skond ir-Regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki kummerċjali taċ-ċertifikazzjoni 831407 u 831408 u li jkunu jaqblu mal-ħtiġiet addattati tal-kontenut tax-xaħam tal-ħalib u l-kontenut ta' l-ilma kif stipulat fl-Iskeda 1 tar-regolamenti tal-ġobon tal-1970 tar-Renju Unit.

DEFINIZZJONI TA' ĠOBON TAL-ĦALIB TAL-MOGĦOŻ

Ġobon tal-ħalib tal-mogħoż huwa ġobon magħmul biss mill-ħalib tal-mogħoż u jkollu tikketta li turi li kien magħmul biss minn ħalib tal-mogħoż (eskluża l-ġobon Feta, Telemes u Kasseri).